MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 72/2010

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita` numru 258269 ittra "M", bhala mandatarju specjali ta' Procter & Gamble Business Services Canada Company, socjeta` estera ta' nazzjonalita` Kanadiza, b'indirizz ta' Suite 800, 1959 Upper Water Street, P.O. Box 997, Halifax, Nova Scotia B3J 2X2, Kanada.**

**vs.**

**Dr. Adrian Camilleri u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer li b'digriet tat-8 ta' Marzu 2010 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil TASHARUKIAT ROWAD EL ASR BENGHAZI, b'indikazzjoni ta' "Libja" bhala ndirizz.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta tal-identita` numru 258269 ittra “M”, bhala mandatarju specjali ta’ **Procter & Gamble Business Services Canada Company**, socjeta` estera ta’ nazzjonalita` Kanadiza, b’indirizz ta’ Suite 800, 1959 Upper Water Street, P.O. Box 997, Halifax, Nova Scotia B3J 2X2, Kanada datat 26 ta’ Jannar 2010 fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi s-socjeta` attrici Procter & Gamble Business Services Canada Company, maghrufa sew madwar id-dinja nkluz f’Malta, *inter alia* in konnessjoni ma’ prodotti ta’ *toothbrushes* tal-markji “Oral-B” u “CROSSACTION”, hija proprjetarja ta’ diversi *trademarks* registrati li jkopru dan in-negozju taghha.

Illi b’hila u b’invenzjoni, kif ukoll b’hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta` attrici kisbet reputazzjoni u avvjament enormi kemm fuq is-suq barrani u kif ukoll fuq is-suq lokali, in konnessjoni mat-*trademarks* taghha “Oral-B” u “CROSSACTION”, dwar prodotti ta’ *toothbrushes*.

Illi fost ohrajn, is-socjeta` attrici ghandha validament irregistrati bhala *trademarks* Komunitarji (CTM) b’effett f’Malta mill-1 ta’ Mejju 2004 it- *trademarks* Komunitarji (CTM) bin-numri 003590064 “Oral-B” (figurattiva) u 000760488 “CROSSACTION” (kelma), u dan f’kull kaz *inter alia* dwar prodotti konsistenti f’*toothbrushes*.

Illi s-socjeta` attrici hija “detentrici ta’ dritt” ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti kollha tal-**Council Regulation (EC) No 1383/2003 concerning customs action against goods suspected of infringing certain intellectual property rights and the measures to be taken against goods found to have infringed such rights** u **tal-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)** (**Kapitlu 414 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta’ Malta**), biex b’hekk

*inter alia* tgawdi mill-protezzjoni moghtija fl-**artikuli 10, 2 (1) (a), 16** u **17** tal-istess **Council Regulation (EC) No 1383/2003** fost ohrajn, u taht id-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikoli 2. 1 (a), 4** u **8(1)** tal-istess **Kap. 414** fost ohrajn.

Illi recentement, waqt l-iskrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-**artikolu 1(1) tal-Council Regulation (EC) No 1383/2003** u fl-**artikolu 4** tal-istess **Kap. 414** hawn qabel imsemmija, il-Kontrollur tad-Dwana kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* INBU 3794876 kontenenti fost ohrajn *toothbrushes* gewwa pakketti u l-pakketti gewwa kaxxi, li lkoll fihom *inter alia* sinjali prominenti “Oral-B” bhal dak tas-socjeta` attrici debitament irregistrat bhala *trademark* Komunitarju bin-numru 003590064, kif ukoll – fil-kaz tal-pakketti u tal-kaxxi – rapprezentazzjonijiet prominenti tal-kelma “CrossAction” bhal dik tas-socjeta` attrici wkoll debitament irregistrata bhala *trademark* Komunitarju bin-numru 000760488 (“CROSSACTION”), liema artikli waslu fil-port hieles ta’ Marsaxlokk waqt il-kors ta’ *transhipment*, u l-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta` attrici dwar din is-sejba f’cirkustanzi suspetti, sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta’ drittijiet dwar proprjeta’ intellettwali.

Illi s-socjeta` attrici giet mgharrfa bis-sejba fit-28 ta’ Dicembru 2009 u, wara li ezaminat ritratti elettronici ta’ kampjuni ta’ dawn l-oggetti kif ukoll il-kampjuni stess, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti kontraffatti li jikkontravvjenu d-drittijiet taghha dwar proprjeta` intellettwali. Min-naha tieghu, il-Kontrollur tad-Dwana ghadda lis-socjeta` attrici kopja ta’ dokument relattiv ghal dan il-kaz intitolat *DRAFT BILL OF LADING* fejn, fil-kaxxa relattiva ghall-*consignee* hemm indikat TASHARUKIAT ROWAD EL ASR BENGHAZI, b’indikazzjoni ta’ “Libja” bhala ndirizz.

Illi effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta’ din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana ndika bhala b’kollox *126 cartons by 864 toothbrushes each – Total: 108,864*, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intellettwali tas-

socjeta` attrici. Ghal dan il-kaz japplikaw ukoll *inter alia* u *oltre* d-disposizzjonijiet ta' ligi ndikati fil-paragrafi numri 4 u 5 ta' dan ir-rikors guramentat, id-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikoli 9 1. (a)** u **(b), 14** u **102 tal-*Council Regulation (EC) No. 207/2009 on the Community trade mark* u tar-regolament numru 9 tal-avviz legali 233 tal-2003**.

Illi l-Kontrollur tad-Dwana pprefigga terminu sas-26 ta' Jannar 2010 (inkluz) sabiex is-socjeta` attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz.

Illi l-esponent *nomine* jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti talbet lis-socjeta` intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'*toothbrushes* gewwa pakketti u l-pakketti gewwa kaxxi, li lkoll fihom *inter alia* sinjali prominenti "Oral-B" bhal dak tas-socjeta` attrici debitament irregistrat bhala *trademark* Komunitarju bin-numru 003590064, kif ukoll – fil-kaz tal-pakketti u tal-kaxxi – rapprezentazzjonijiet prominenti tal-kelma "CrossAction" bhal dik tas-socjeta` attrici wkoll debitament irregistrata bhala *trademark* Komunitarju bin-numru 000760488 ("CROSSACTION"), liema oggetti kollha jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*container* INBU 3794876 kien fih l-imsemmija oggetti fost ohrajn, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta` attrici jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-, u ghas-spejjez ta' – l-konvenuta.

3. Tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni.

4. Tordna li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mil-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti u mmarkati minn Dok "A" sa Dok. "J" kif jidhru minn fol. 6 sa fol. 62 tal-process.

Rat id-digriet datat 8 ta' Marzu 2010 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entita` intimata.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh biex jinstema' fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2010, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` rikorrenti sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura tal-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat ir-risposta mahlufa tal-kuraturi deputati datata 23 ta' April 2010 a fol. 88 tal-process fejn ecceppew:-

1. Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriserva li jipprovdu r-risposta taghhom fid-dettal fi stadju ulterjuri.

2. Illi l-esponent Avukat Dr. Adrian Camilleri ittenta diversi drabi, bla ebda success, jikkontatja lis-socjeta` konvenuta permess tan-numri tat-telefon li hemm mnizzlin

fil-*billi of lading* li jinsab mmarkat bhala Dok “D” anness mar-rikors guramenta tar-rikorrenti *nomine*

3. Ili l-esponenti kitbu lill-avukat tar-rikorrenti *nomine* sabiex jinghataw kull informazzjoni ulterjuri li jista’ jkollha dwar is-socjeta` intimata.

4. Salv risposta ulterjuri skont il-ligi.

Rat il-lista tax-xhieda u dokument esebit tal-kuraturi deputati (fol 88 sa 90).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti tal-4 ta’ Mejju 2010 fejn Dr. Luigi Sansone talab korrezzjoni fis-sens li fl-okkju fl-indirizz tas-socjeta` attrici n-numri u l-kliem “900 Purdy’s Wharf Tower One” jigu sostitwiti bin-numru 800 u wkoll li wara l-ittra P u wara l-ittra O jkun hemm *fullstop*. Dr. Adrian Camilleri bhala kuratur deputat ma opponiex. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni tal-istess fir-rikors guramentat u fl-atti kollha relattivi tal-kawza. Dr. Adrian Camilleri fil-kwalita’ tieghu premessa ta ruhu notifikat bir-rikors guramentat kif korrett. Dr. Luigi Sansone ddikjara li s-socjeta’ attrici ma ghandhiex iktar provi u Dr. Adrian Camilleri ddikjara li minkejja diversi tentattivi ma rnexxilux jikkomunika mas-socjeta` konvenuta. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Gunju 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi s-socjeta’ attrici hija proprjetarja tal- tal-markji “Oral-B” u “CROSSACTION fuq *toothbrushes* u ta’ *toothbrushes* hija proprjetarja wkoll ta’ diversi *trademarks* registrati li jkopru dan in-negozju taghha, tant li ghandha wkoll registrat bhala Trademark Kumminitarju (CMT) tali markji kif jirrizulta mid-Dok. “B” u “C” annessi mar-rikors guramentat.

Illi fl-24 ta' Dicembru 2009 waqt l-iskrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali l-Kontrollur tad-Dwana kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* INBU 3794876 kontenenti fost ohrajn *toothbrushes* gewwa pakketti u l-pakketti gewwa kaxxi, li lkoll fihom *inter alia* sinjali prominenti "Oral-B" bhal dak tas-socjeta` attrici debitament irregistrat bhala *trademark* Komunitarju bin-numru 003590064, kif ukoll – fil-kaz tal-pakketti u tal-kaxxi – rapprezentazzjonijiet prominenti tal-kelma "CrossAction" bhal dik tas-socjeta` attrici wkoll debitament irregistrata bhala *trademark* Komunitarju bin-numru 000760488 ("CROSSACTION"), liema artikli waslu fil-port hieles ta' Marsaxlokk waqt il-kors ta' *transhipment*, u l-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta` attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti, sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta' intellettwali u dan kollox kif jirrizulta mill-affidavit tal-ufficjal tad-Dwana George Agius datat 22 ta' Jannar 2010 (Dok. "I").

Illi s-socjeta` attrici giet mgharrfa bis-sejba fit-28 ta' Dicembru 2009 u, wara li ezaminat ritratti elettronici ta' kampjuni ta' dawn l-oggetti kif ukoll il-kampjuni stess, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti kontraffatti li jikkontravvjenu d-drittijiet taghha dwar proprjeta` intellettwali u dan kif jirrizulta mir-rapport datat 10 ta' Jannar 2010 (Dok. "F").

Illi jirrizulta li mid-*DRAFT BILL OF LADING* li fil-kaxxa relattiva ghall-*consignee* hemm indikat TASHARUKIAT ROWAD EL ASR BENGHAZI, b'indikazzjoni ta' "Libja" bhala ndirizz, u ghalhekk l-istess oggetti kienu destinati ghall-istess entita' (Dok. "D")

Illi effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta' din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana ndika bhala b'kollox *126 cartons by 864 toothbrushes each – Total: 108,864*, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici u ghalhekk jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati, fil-verita' lanqas huma kontestati, u ghalhekk salv li din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni

tat-tielet talba attrici, tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra fis-sens hawn deciz.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati nkwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli ma’ l-istess, u fil-waqt li **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici, tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f’*toothbrushes* gewwa pakketti u l-pakketti gewwa kaxxi, li lkoll fihom *inter alia* sinjali prominenti “Oral-B” bhal dak tas-socjeta` attrici debitament irregistrat bhala *trademark* Komunitarju bin-numru 003590064, kif ukoll – fil-kaz tal-pakketti u tal-kaxxi – rapprezentazzjonijiet prominenti tal-kelma “CrossAction” bhal dik tas-socjeta` attrici wkoll debitament irregistrata bhala *trademark* Komunitarju bin-numru 000760488 (“CROSSACTION”), liema oggetti kollha jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-*container* INBU 3794876 kien fih l-imsemmija oggetti fost ohrajn, jikkontravjenu d-drittijiet ta’ proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jiddistruggi dawn l-oggetti hawn indikati f’din il-kawza, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lil , u ghas-spejjez ta’ l-entita’/socjeta’ konvenuta.

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba ghaliex ma hemmx bzonnha.

4. Tordna li s-socjeta’ jew entita’ konvenuta tbati l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni talba attrici, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija oggetti ghall-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mil-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’/entita’ konvenuta b’dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------